MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 51 – 3 Leġiżlatura**

**L-Erbgħa 04 ta' Awwissu 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 51.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

51.1.1 Il-President informa li ma rċeviex ittri ta' apoloġiji.

## 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

51.2.1 Il-President ressaq il-minuti tal-ħamsin (50) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

51.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sur Johan Mula, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.

## 51.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Il-Kunsill Reġjonali jiltaqa' mal-President ta' Malta**

51.3.1 Il-President qal li dakinhar stess, il-Membri tal-Kunsill Reġjonali kienu għadhom ġejjin minn laqgħa wara stedina mill-Eċċellenza tiegħu l-President ta’ Malta Dr George Vella. Hu sema’ t-tħassib u s-suġġerimenti li għaddew il-Membri u wiegħed li se jkun qed iwassalhom lill-awtoritajiet konċernati.

**- Ilment dwar is-servizz mogħti mill-kuntrattur tal-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq**

51.3.2 Il-President semma’ li dakinhar stess, is-Sindku ta’ Ħaż-Żebbuġ avviċinah u lmenta miegħu dwar is-servizz mogħti mill-kuntrattur tal-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq. Hu qal li kien sorpriż għax qatt ma rċieva l-ebda lment lanqas mill-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ stess. Il-President fakkar li f’diversi laqgħat tar-Reġjun, hu staqsa lill-Membri dwar is-servizz li qed jiġi offrut mill-kuntrattur u qatt ma kien hemm xi Membru li lmenta. Hu, staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali diversi drabi jekk kienx hemm xi lmenti mill-Kunsilli Lokali u hu aċċertah li qatt ma rċieva lmenti. Għaldaqstant, il-President irrimarka li meta jkun hemm xi lment dwar dan is-servizz, għandha tintbagħat korrispondenza bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv bid-dettalji tan-nuqqasijiet ħalli dawn jiġu indirizzati immedjatament.

**- Inizjattiva biex tiġi indirizzata l-problema ta’ rimi ta’ skart illegali**

51.3.3 Il-President qal li matul din il-ġimgħa kellu laqgħa ma’ uffiċjali mill-Aġenzija LESA. Hu attenda flimkien mal-Uffiċjal Ambjentali tal-Kunsill Reġjonali li se jkun il-punt ta’ riferiment dwar din l-inizjattiva li se tkun qed tiġi ffinanzjata mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Mal-Aġenzija LESA ntlaħaq qbil li se jkunu qed isiru sorveljanzi f’żewġ postijiet indikati mill-Kunsilli Lokali permezz ta’ Uffiċjali tal-Komunità pajżana b’karozzi mhux immarkati f’ħinijiet u ġranet irregolari. Dawn ir-rondi se jkunu qed jiġu kkoordinati mill-Aġenzija LESA u l-Uffiċjal Ambjentali. L-Aġenzija LESA se tkun qed tgħaddi rapport ta’ dawn is-sorveljani bir-riżultati miksuba lill-Uffiċjal Ambjentali b’mod regolari u l-ħlas għal dawn ir-rondi ta’ sorveljanza se jkun qed isir mill-Kunsill Reġjonali. Din l-inizjattiva se tkun qed issir bi prova għal sitt xhur.

**- Uffiċjali professjonali mal-Kunsill Reġjonali**

51.3.4 Il-President qal li l-Bord maħtur mill-Kunsill Reġjonali sabiex jintervista u jagħżel dawn l-uffiċjali kien kompost mill-President, id-Deputat President u s-Sur Scott Camilleri. L-intervisti saru fuq jumejn u intgħażlu s-Sur Nicholas Spiteri bħala Uffiċjal Ambjentali u s-Sa Tiffany Abela bħala Uffiċjal Kulturali. Is-Sa Michelle M. Vella ingħatat l-ewwel prefenza

mill-Bord biex timla l-pożizzjoni ta' Uffiċjal għall-Immaniġġjar tal-Proġetti. Is-Sa Michelle M. Vella ġiet mogħtija l-ewwel preferenza mill-Bord biex timla l-pożizzjoni ta' Uffiċċjal għall-Immaniġġjar tal-Proġetti imma din ma aċċettatx il-pożizzjoni. Għaldaqstant, il-Bord irrikorra għat-tieni preferenza li kien is-Sur Matthew Mallia, li min-naħa tiegħu aċċetta. Is-Sur Nicholas Spiteri beda jaħdem mal-Kunsill Reġjonali b'effett mid-19 ta' Lulju, filwaqt li s-Sinjuri Matthew Mallia u Tiffany Abela se jkunu qed jibdew jaħdmu b'effett mit-23 ta' Awwissu.

**- Xogħlijiet fil-Bini Amministrattiv**

51.3.5 Il-President informa li matul il-jiem li għaddew komplew ix-xogħlijiet fil-Bini Amministrattiv billi twaħħlet l-irħama kommemorattiva li tfakkar l-irvellijiet tas-Sette Giugno u twaħħlet il-plakka bl-isem tal-Kunsill Reġjonali quddiem il-bieb prinċipali. Twaħħal bieb tal-ħġieġ fuq ġewwa tal-entratura tal-Bini Amministrattiv u fil-jiem li ġejjin se tkun qed titwaħħal irħama bl-ismijiet imnaqxxa tal-Presidenti tar-Reġjun. Il-President qal li biex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet strutturali fis-saqaf tal-kamra li bħalissa sservi bħala awla tat-Tribunal, inħolqot awla temporanja permezz tal-gypsum boards. Qed isiru xogħlijiet ukoll biex jiġu akkomodati l-uffiċjali l-ġodda li se jiġu ngaġġati mal-Kunsill Reġjonali.

**- Festa Nar 2021 u Kwarta Tajba**

51.3.6 Il-President qal li għaddejjin ġmielhom il-preparamenti għal Kwarta tajba li hija skedata għas-27 u 28 ta' Awwissu 2021. Matul din il-ġimgħa ġiet sottomessa l-applikazzjoni min-naħa tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ mal-Awtorità tat-Turiżmu għal din l-attività. Għaddejjin ukoll kuntatti mal-awtoritajiet għall-permessi ta' Festa Nar u kuntatti mal-licencees tal-għaqdiet tan-nar fir-Reġjun biex jintaħaq ftehim fuq il-mod kif se jsir il-ħruq tan-nar. Festa Nar 2021 għandha ssir f'Settembru li ġej.

**- Stedina mill-Arċipriet tal-Gudja**

51.3.7 Il-President semma' kif fil jiem li għaddew kien mistieden mill-Arċipriet tal-Gudja għall-inawgurazzjoni tar-restawr fuq il-pittura ta' Ġesù Kristu f'Agunija meqjuma fil-Knisja Arċimatriċi u Arċipretali Santa Marija fil-Gudja. Hu wera l-apprezzament tiegħu għal dan il-

ġest għax juri  li hemm min jirrikonoxxi lill-Kunsilli Reġjonali. Il-President qal li wieħed mill-impenji li se jkollha l-Uffiċjal Kulturali tal-Kunsill Reġjonali se jkun li taħdem biex il-Kunsill Reġjonali jiġi aktar rikonoxxut fost il-parroċċi, għaqdiet u soċjetajiet fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

**- Laqgħa Ġenerali Annwali 2021**

51.3.8 Il-President irringrazzja lil dawk il-Membri li kienu preżenti għal-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret fl-20 ta' Lulju. Hu wera sodisfazzjon għax mill-kummenti li rċieva jidher li kienet suċċess u kulħadd kien sodisfatt bl-organizzazzjoni u bil-mod kif ġiet ippreżentata.

**- Kummenti**

51.3.9 Fil-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Johan Mula, f'isem il-Membri tal-Kunsill Reġjonali, wera l-apprezzament għall-mod professjonali li bih kienet organizzata l-Laqgħa Ġenerali Annwali. Hu rringrazzja lill-President u lis-Segretarju Eżekuttiv tar-rikonoxximent li ngħata lis-Sindki u lis-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali li wara din il-leġiżlatura, li se tintemm aktar tard din is-sena, mhux se jibqgħu jiffurmaw parti mir-Reġjun tan-Nofsinhar.

51.3.10 Is-Sur David Michael Schembri qal li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi beħsiebu japplika għal fondi mill-Planning Development Fund iffinanzjat mill-Awtorità tal-Ippjanar biex jagħmel proġett fil-lokalità. Hu kien infurmat li jekk l-applikazzjoni tiġi sottomessa bi sħab mal-Kunsill Reġjonali, il-Kunsill lokali jkun eliġibbli għall-100% tal-fondi. Hu talab lill-President sabiex japprova din l-inizjattiva.

51.3.11 Il-President qal li l-għan prinċipali tal-Kunsill Reġjonali hu li jagħti għajnuna professjonali filwaqt li jagħti sapport u jassisti lill-Kunsilli Lokali fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom. Għaldaqstant hu ma jsib l-ebda diffikultà li l-Kunsill Reġjonali japplika bi sħab mal-Kunsilli Lokali fi ħdanu għal fondi mill-Planning Development Fund biex ikunu jistgħu jieħdu lura 100% tal-ispejjeż li jkunu ħarġu fuq proġett sottomess taħt dan il-fond.

## 51.4 Skeda ta' Pagamenti;

51.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 08/21A-1 u 08/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

51.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Maria Magri u ssekondata mis-Sa Rita Grima, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 51.5 Affarijiet Oħra;

**- Finanzjament mill-Kunsill Malti għall-Arti lill-Kunsilli Reġjonali għal żjarat f'muniċipilitajiet Ewropej**

51.5.1 Il-President informa li l-Kunsill Reġjonali u l-Kunsilli Lokali rċevew korrispondenza mid-Diviżjoni fejn tgħid li l-Kunsilli Reġjonali se jkunu intitolati għal fondi ta' 4,500 ewro mill-Kunsill Nazzjonali għall-Arti biex ikun jista' jtella' delegazzjoni fuq żjara f'Evora l-Portugall. L-applikazzjonijiet se jkunu qed jintlaqgħu sa Mejju 2022. Hu qal li diġà saret laqgħa bejn is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun u uffiċjali mir-Reġjun ta' Evora u se nkunu qed naħdmu fuq programm għal din iż-żjara. L-Uffiċjal Kulturali tar-Reġjun se tkun qed taħdem fuq din l-inizjattiva fil-jiem li ġejjin. Il-ħsieb hu li kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun ikun jista' jtella persuna li jista' jkun is-Sindku, il-Kunsillier responsabbli mill-kultura jew is-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jiffinanzja d-differenza fil-ħlasijiet. Aktar 'il quddiem tkun tista' tingħata aktar informazzjoni.

**- Finanzjament ta' Proġetti Kapitali Aċċessibilità u Mobilità**

51.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dakinhar stess irċieva korrispondenza mid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy li l-applikazzjonijiet sottomessi b'rabta ma' din l-iskema mill-Kunsilli lokali ta' Ħal Safi, il-Qrendi, Ħal Kirkop, Santa Luċija u l-Ħamrun ġew approvati u se jkunu intitolati għal fondi. Sadanittant il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ġie infurmat li l-applikazzjoni sottomessa minnu ġiet rifjutata għax ma kienx eliġibbli skont Artiklu 3 tad-dokument.

**- Talba għal kollaborazzjoni fi proġett artistiku**

51.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza minn artist fir-Reġjun fejn talab lill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar biex jidħol fi sħab miegħu fi proġett mużikali u artistiku bil-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Dan il-proġett hu mmirat li jsir f'Ottubru 2021.

51.5.4 Il-President u l-Membri ddiskutew dan il-proġett u ddeċidew li fid-dawl tal-fatt li f'Ottubru 2021 hi skedata l-elezzjoni tal-Kunsilli Reġjonali, li se tkun qed iġġib magħha tibdil sostanzjali fir-Reġjun, mhux se jkun possibbli li fl-istess żmien jidħlu għal inizjattivi bħal dawn. Għaldaqstant irrifjutaw din it-talba.

**- Kompetizzjoni Miżuri ta' Mobilità sostenibbli 2021**

51.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq applikazzjoni bi proġett ta' mobilità sostenibbli għal-lokalitajiet fir-Reġjun bie ikun jista' jissottomettiha lil Transport Malta f'isem il-Kunsill Reġjonali għall-kompetizzjoni ta' Miżuri ta' Mobilità Sostenibbli 2021.

51.5.6 Il-Membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw il-proposta bil-proġett indikat u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jissottometti l-applikazzjoni lil Transport Malta f'isem il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

## 51.6 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

51.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.37 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 09 ta' Settembru 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum _____________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |